# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum 22 ta' Lulju 2021**

Appell numru 182/2018

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Giuseppe AZZOPARDI**

Il-Qorti rat is-segwenti :

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il-21 ta' Diċembru 2020 fil-konfront ta' Giuseppe AZZOPARDI (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 753355M) li ġie mixli talli:

   Personalment u/jew fil-kapaċita tiegħu ta' impjegat jew ta' uffiċjal prinċipali jew ta' rappreżentant tal-kumpanija Bottega Del Marmista Ltd akkużat talli matul is-sena 2014 sas-sena 2015 f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-Liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda:

i) B'mezzi kontra l-liġi jew billi għamilt użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar

xi ġrajja kimerika għamel qliegħ ta' aktar minn Ewro 2,329,37 għad-detriment ta' Carmelo Galea mill-Imġarr, Malta;

ii) Talli fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi għamel qliegħ ieħor b'qerq mhux imsemmi fl-artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali ta' aktar minn Ewro 2,329.37 għad-detriment ta' Carmelo Galea mill-Imġarr, Malta;

iii) Kif ukoll talli fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi appropja ruħu minn ħaġa ta' ħaddieħor somma ta' aktar minn Ewro 2,329.37 liema somma ġiet fdata lilu jew ikkunsinnata lilu taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat u dan għad-detriment ta' Carmelo Galea liema somma ġiet fdata lilu minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu jew minħabba depożitu neċessarju;

iv) B'mezzi kontra l-Liġi jew billi għamilt użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika għamel qliegħ ta' aktar minn Ewro 2,329,37 għad-detriment ta' Ivan Vassallo mill-Belt Valletta;

v) Talli fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi għamel qliegħ ieħor b'qerq mhux imsemmi fl-artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali ta' aktar minn Ewro 2,329.37 għad-detriment ta' Ivan Vassallo mill-Belt Valletta;

vi) Kif ukoll talli fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi appropja ruħu minn ħaġa ta' ħaddieħor somma ta' aktar minn Ewro 2,329.37 liema somma ġiet fdata lilu jew ikkunsinnata lilu taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat u dan għad-detriment ta' Ivan Vassallo liema somma ġiet fdata lilu minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu jew minħabba depożitu neċessarju;

vii) U b'hekk rrenda ruħu reċediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali b'sentenza mogħtija mill-Maġistrat Saviour Demicoli nhar l-10 ta' Settembru 2008 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, ma sabitux ħati tat-tieni, tal-ħames u tas-seba' imputazzjoni u lliberatu minnhom u sabitu ħati tal-ewwel u tas-sitt imputazzjoni pero' mhux bil-kwalifika kkontemplata fl-Artikolu 294 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll ħati tat-tielet u tar-raba' imputazzjoni. B'applikazzjoni tal-proviso tal-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446, poġġiet lill-imputat taħt ordni ta' probation u servizz a tenur tal-Artikolu 18 tal-

Kap. 446 għall-perjodu ta' sena mid-data tas-sentenza. Bl-applikazzjoni wkoll tal-Artikolu 11 tal-Kap. 446 qiegħdet lill-imputat taħt Ordni ta' Servizz fil-Kommunita' billi jagħmel xogħol bla ħlas ta' 120 siegħa f'dak il-post u skont l-arranġamenti li jsiru mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole. Finalment, wara li rat l-Artikolu 532A tal-Kodiċi Kriminali moqri flimkien mal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat lill-ħati jħallas lura lil Carmelo Galea l-ammont ta' Ewro 50,000 u lil Ivan Vassallo l-ammont ta' Ewro 9000.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-appellant Giuseppe AZZOPARDI appella minn din is-sentenza, fejn talab lill-Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-imputat minn kull ħtija u piena u dan wara li stqarr is-segwenti (in suċċint):

    i. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għamlet apprezzament żbaljat tal-provi li tressqu quddiemhom. Fid-dati tal-imputazzjonijiet ma nġiebet ebda prova li l-appellant kien għamel xi qliegħ minn tali negozju anzi kuntrarjament l-appellant kien tilef ammont sostanzjali ta' flus. Illi huwa prinċipju kardinali li f'Malta għandna Qrati Ċivili u Qrati Kriminali. Dan il-każ kien ġie risolt b'mod ċivili u għaldaqstant mgħandhiex niżvijjaw l-Qrati tagħna billi minħabba raġunijiet ulterjuri nallegaw reati kriminali meta nirrealizzaw li jista' jkollna azzjoni tagħna mhux aktar vijabbli ċivilment. Dan huwa l-aktar manifest fil-każ tal-appellant kontra Carmelo Galea. Il-Pulizija naqset milli tressaq prova li l-appellant verament ried iqarraq u li fil-fatt għamel xi qliegħ. L-appellant wasal biex għamel telf konsiderevoli u mhux qliegħ.

    ii. Meta każ ikun ibbażat fuq il-kredibilita' ta' xhud wieħed biss, kif del resto huwa dan il-każ, il-Qorti trid tikkunsidra l-imġieba, il-kondotta u l-karattru tal-parte civile l-aktar ta' Ivan Vassallo. L-appellant għalhekk jaċċenna għall-fatt li x-xhud li l-ewwel Qorti għoġobha temmen huwa l-istess persuna li allegatament qalet li l-appellant mhux bniedem kwalifikat u espert fl-irħam u l-arti. Dan ġie esebit waqt depożizzjoni tal-istess imputat appellant meta esebixxa ċ-ċertiifkati relativi. Dan ix-xhud l-istess persuna li ngannat lill-appellant u wara li awtorizzah jġiblu l-kwadri, jekk huma ta kwalita' tajba, mbagħad dawwar kollox u qal li kien negozju bi sħab. L-appellant ġie mqabbad bħala espert u fl-ebda ħin ma daħal f'partnership mal-parte civile. Dan jirriżulta ċar mid-dokument esebiti mill-appellant waqt il-proċeduri. Meta wieħed

janalizza x-xhieda ta' Ivan Vassallo huwa biss gideb biex dak li għamel hu jipprova ittieh lill-appellant.

## D. IL-PARTI ĠENERALI

4. Illi din il-Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:-

> kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-

---

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u r-**Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan** et, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

5. Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[2]

6. Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

7. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

8. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

9. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe **l-Law of Evidence**.

10. L-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża : -

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

11. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[4] Jiġifieri huwa legalment korrett u

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina,** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak,** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bonavia** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs Antoine Cutajar**

permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

12. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne:**[5]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

13. F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

14. L-evidenza indiretta hi dik li prinċipalment tistrieħ fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Għalkemm iċ-ċirkostanzi ma jitkelmux bħax-xhieda, u b'hekk ma jistgħux jigdbu, mill-banda l-oħra jistgħu jkunu qarrieqa. Dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-prinċipju li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieħ fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija. Jekk ikun hemm dubju dettat mir-raġuni, il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-imputat jew akkużat.

15. Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali **ma teħtieġx** li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi

ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[5] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

16. Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, sure fis-sistema Legali Ingliż,[6] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

17. Fil-każ Ingliż **Majid**,[7] Lord Moses stqarr hekk :

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

18. Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence**, Adrian Keane u Paul McKeown[8] jgħidu s-segwenti : -

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

19. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju **<u>tas-sikurezza</u>**. Hekk per eżempju fl-appell

[6] **R v Majid**, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2
[7] ibid.
[8] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Peralta** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **b'sikurezza** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

20. U huwa biss meta jkun hemm **id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża** li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

21. Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-best evidence rule, ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.
>
> **L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-**

**akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.**[9]

Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.[10]

22. Illi f'dan il-każ, huwa importanti wkoll li din il-Qorti tirreferi għar-regola tal-**hearsay** u kif din tiġi applikata fil-kamp penali Malti. L-artikoli 598 u 599 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) li jirregolaw il-**hearsay evidence**, u reżi applikabbli fi proċedimenti quddiem Qrati ta' Ġustizzja Kriminali bis-saħħa tal-artikoli 520(1)(d) u 645 tal-Kodiċi Kriminali jgħidu kif ġej:

**598.** (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk ilfatti.

(2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bhal dawk.

(3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk ilmistoqsijiet.

**599.** Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta'immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta'reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.

23. Fil-kawża deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Janis Caruana** tal-14 ta' Mejju 2012 mill-Imħallef Lawrence Quintano il-kwistjoni tal-**hearsay evidence** kienet ġiet indirizzata b'dan il-mod : -

21. Bir-rispett kollu, il-hearsay rule tagħna (fl-artikolu 599) mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta' dan l-artikolu jgħid hekk:

[9] Emfasi ta' din il-Qorti.
[10] Deċiża nhar il-5 ta' Lulju 2002 mill-Imħallfin Noel Arrigo, Joseph A. Filletti u Patrick Vella.

‘599. Il-qorti tista’, skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista’ jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort’oħra,’

22. Fil-fatt fil-kawża ‘Joseph Mary Vella et versus il-Kummissarju tal-Pulizija’ il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta’ Jannar 1988 qalet hekk:
‘Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta’ depożizzjoni ta’ xhud dwar x’qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq l-identita’ ta’dan il-ħaddieħor. Ċertament il-klem ta’ dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi millkonlużjoni tal-ewwel qorti ( li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi).’

23.Ukoll fl-Ingilterra u f’Wales ir-regola tal-hearsay m’għadhiex stretta daqsa qabel. Il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ‘ Al-Khawaja and Tahery versus the United Kingdom’ tal-15 ta’ Diċembru 2011 (deċiżjoni tal-Grand Chamber) qalet hekk f’pargrafu 130:

‘However, the Court notes that the present cases have arisen precisely because the legal system in England and Wales has abandoned the strict common law rule against hearsay evidence. Exceptions to the rules have been created, notably in the 1988 and 2003 Acts, which allowed for admission of ST’s statement in Al-Khawaja’s case and T’s statement in Tahery’s case.’

24. Fil-każ ta’ Al-Khawaja, ST kienet għamlet rapport lill-Pulizija numru ta’ xhur sewwa wara li kienet allegatament assaltata minn tabib. ST għamlet suwiċidju qabel il-ġuri. L-Imħallef li ppresieda ħalla li jinqara r-rapport waqt il-ġuri u ta direzzjonijiet appożiti. (Ara paragrafi 9 -19 tal-istess sentenza). Il-Grand Chamber ma sabitx vjolazzjoni talartikolu 6 (ara par.158 tas-sentenza).

25. Issa, jekk wieħed janalizza s-sitwazzjoni fil-każ li jinsab fil-preżent quddiem il-Qorti, ir-rapport bl-ebda mod ma jgħid li min għamel ir-rapport dwar is-serqa indika lill-appellant. Kieku kien hekk ir-rapport kien ikun prova li sar it-tali kliem iżda mhux prova li l-appellant wettaq is-serqa għalkemm l-istess rapport kien ikun jista’ jintuża biex jikkorobora provi oħra. (Ara: Subramianiam v Public Prosecutor (1956) 1.W.L.R.956 at 969, PC).2 Fir-rapport odjern m’hemmx xi allegazzjoni bħalma ma għamlet ST fil-każ ‘Al-khawaja vs UK’ jew xi sitwazzjoni simili għal dak li aċċettat il-Qorti Kostituzzjonali. Hawn għandna biss rapport li saret is-serqa, ta’ xhiex, fejn u meta. Min għamel ir-rapport mhux Malti, ma semma lil ebda persuna bħala suspettat, u ma jistax joqgħod jinġieb Malta biex jikkonferma li saret serqa ta’ laptop. Terġa’ min għamel irrapport ma joqgħodx f’xi pajjiż fil-viċin.

26. Għalhekk il-Qorti, wara li rat iċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li rat l-artikolu 599 tal-Kap 12 res applikabbli għall-Kap 9, qed tiddeċiedi li fil-proċess

teżisti prova li hija ammissibbli. Ir-rapport huwa prova li saret is-serqa u ta' xejn aktar.

24. Oltre minn hekk fis-sentenza tal-Qorti Kriminali deċiża nhar l-24 t'Ottubru 2011 fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Azzopardi** ġie deċiż is-segwenti : -

Li l-artikoli relevanti dwar il-Hearsay Rule huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kap 9.

Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-hearsay rule f'kawżi ta' natura kriminali huwa Subramaniam v. Public Prosecutor fejn insibu dan il-kliem:

'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'

Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta' dan il-każ allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, psikologu, għalliem jew social worker, il-ġenituri jew qraba fil-qrib tal-allegat vittma). Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu. Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U filfatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il- każ 'Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija' (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali. Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun hearsay, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi esklusa flistadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.

F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu il-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:'

Fil-limit tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.' (1 t'April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri).

25. Apparti dan fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Angelus Vella**, deċiża nhar it-30 ta' Lulju 2015, ir-regola dwar il-**hearsay evidence** ġiet spjegata b'dan il-mod kwantu sempliċi daqskemm ċar-

> Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi hearsay evidence iżda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun hearsay evidence u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra.

26. Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi primarjament f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanzi ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

27. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti : -

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk,

li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

28. In definittiva, kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiża nhar is-7 ta' Marzu 2002 din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kienetx "unsafe and unsatisfactory" fuq il-bażi tar-riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti ma tkunx "unsafe and unsatisfactory". Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta' dik il-Qorti – anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet kienet tasal għal konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati.

## E. IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

### Ikkunsidrat

29. Nhar it-18 ta' Jannar 2017, l-Ispettur Elton Taliana rċieva kwerela mingħand Dr. Leonard Caruana għan-nom ta' ċertu Carmelo Galea fejn dan irraporta kif għal ħabta ta' Mejju 2014 kien ġie avviċinat minn ċertu Giuseppe Azzopardi fuq il-bejgħ ta' biċċa art ġewwa Ta' Qali, limiti tal-Mosta fi Triq Durumblat u offrihielu għal prezz ta' Ewro 250,000 fuq liema prezz ta' trasferiment kien hemm qbil bejn it-tnejn. Bħala wehda ta' trasferiment, nhar il-21 ta' Mejju 2014, AZZOPARDI u Galea kienu ffirmaw skrittura bejnithom fejn Galea deher li kien ivversa l-ammont ta' Ewro 36,500 akkont tal-prezz finali ta' Ewro 250,000 fuq din l-imsemmija biċċa art liema flejjes effettivament kienu dovuti minn AZZOPARDI lil Galea għal xi xogħol tal-irħam. Mill-banda l-oħra AZZOPARDI ntrabat li jekk sa żmien xahrejn minn din l-iskrittura l-imsemmija art ma tkunx daret

fuqu, huwa kien se jirrifondi dawn il-flejjes lil Galea flimkien ma' imgħax bit-tmienja fil-mija fi żmien tlett xhur mill-istess data.

30. Fl-24 ta' Novembru 2014 Carmelo Galea u Giuseppe Azzopardi kienu marru quddiem in-Nutar Elaine Farrugia sabiex isir konvenju bħala wehda għat-trasferiment ta' din il-biċċa art iżda din tal-aħħar ma setgħetx tirreġistra l-konvenju peress li l-art in kwistjoni ma kinitx għadha daret fuq Giuseppe Azzopardi iżda kienet issejjaħ lil ċeru Joseph Tanti u Christine Mifsud bħala l-werrieta ta' Francesco Fenech u ċjoe' l-proprjetarju oriġinali ta' din l-imsemmija biċċa art. Fil-frattemp ukoll nhar it-22 ta' Settembru 2014 Galea kien ivversa somma ta' Ewro 1,200 lil AZZOPARDI minħabba li dan tal-aħħar kien talabhomlu sabiex isiru r-riċerki b'rabta ma' dan it-trasferiment ta' proprejta'. F'Novembru imbagħad AZZOPARDI kien talab lil Galea s-somma ta' Ewro 12,000 sabiex isiru xi tibdiliet ta' miljorament f'din l-imsemmija art. Dawn l-ammonti Galea ivversahom lil AZZOPARDI permezz ta' cheques maħruġa f'isem AZZOPARDI stess. Minflok ma sar konvenju quddiem in-Nutara, bejn Carmelo Galea u Giuseppe Azzopardi saret skrittura privata datata 24 ta' Novembru 2014 fejn AZZOPARDI irrikonoxxa li kien debitur ta' Galea fis-somma ta' Ewro 50,000 (liema somma kienet tirrappreżenta l-Ewro 36,500, l-Ewro 1,200 u l-Ewro 12,000 piu' Ewro 300) u liema somma kienet qiegħda sservi bħala depożitu fuq l-imsemmija art. Din l-istess skrittura reġgħet ġiet imġedda darbtejn oħra nhar il-24 ta' Frar 2015 u nhar ir-4 ta' Mejju 2015. Sussegwentement nhar is-17 ta' Awwissu 2016 AZZOPARDI u Galea ffirmaw skrittura privata oħra miktuba di mano ta' AZZOPARDI fejn dan tal-aħħar intrabat li jħallas lura s-somma ta' Ewro 50,000 piu' interessi bit-tmienja fil-mija sa mhux aktar tard minn l-aħħar jum ta' Novembru 2016.

31. Nhar is-17 ta' Jannar 2017 Galea ddenunċja lil AZZOPARDi hekk kif l-imsemmija art qatt ma għaddiet għandu u AZZOPARDI lanqas ma kien ħalsu l-flejjes kollha li hu kien ħallas b'rabta ma' dan it-trasferiment li qatt ma kien sar.

32. Il-Pulizija rċeviet rapport ieħor kontra l-appellant AZZOPARDI din id-darba ta' parte ta' ċertu Ivan Vassallo . Vassallo ddenunċja mal-Pulizija kif huwa għadda somma ta' Ewro 10,000 bħala parti minn ftehim ma' AZZOPARDI sabiex dan tal-aħħar iġiblu xi pitturi minn Milan u jħallsuhom nofs bin-nofs. Vassallo rraporta kif il-flejjes huwa għaddiehom lil AZZOPARDI iżda dan tal-aħħar qatt ma għaddielu dan ix-xogħol u meta kkonfrontah AZZOPARDI

sempliċement kien jgħidlu li dawk għadhom ma waslux u wara xi sena u nofs AZZOPARDI kien għaddielu xi xogħol tiegħu personali bl-intendiment li jekk dawn jinbiegħu, ikun jista' jżomm xi flejjes għalih minnhom.

33. Il-Pulizija ddeċidew imexxu kontra l-appellant AZZOPARDI abbażi ta' dawn l-isemmija kwereli.

## Ikkunsidrat

### Analiżi tal-provi miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u li fuqhom dik il-Qorti sabet lill-appellant ħati tal-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant.

34. Ir-reat ipotizzat fl-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant huwa l-frodi tat-tip imsejħa 'truffa' hekk kif ikkontemplata fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa risaput li dak li jiddistingwi t-truffa mill-frodi nnominata skont l-Artikolu 309 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta hija l-'messa in scena' u ċjoe' dawk is-serje ta' ċirkostanzi li l-aġent attiv tar-reat jikkreja sabiex jġiegħel lill-vittma jemmen stat ta' fatt li jkun fittizju u għalhekk jissuċċedi li dan tal-aħħar jiġi truffat. Din id-distinzjoni ġiet ribadita, fost oħrajn, mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża **Il-Pulizija vs. Omissis, Omar Caruana u Omissis** deċiża nhar l-14 ta' Lulju 2020 : -

> Din il-Qorti sejra taghmel referenza ghal gurisprudenza dwar l-artikoli 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija [Spettur Maurice Curmi] vs Anthony Fountain u Stephen k/a Steve Abela**' gie kkunsidrat:
>
> 'Illi d-differenza bejn r-reati ipotizzati f'l-artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-elementi rikjesti biex jissussistu dawn ir-reati, hija ben stabbilita fil-gurisprudenza taghna. Fil-Ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent ... jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi - dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mis en scene - ikun hemm it-truffa; jekk le ikun

hemm hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolenti innominat)

35. Issa, skont il-ġurisprudenza prevalenti tal-Qrati tagħna, sabiex jiġi kostitwit ir-reat ta' truffa jeħtieġ li jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suġġett attiv u is-suġġett passiv tar-reat u cioe' bejn minn qiegħed jikkometti ir-reat u l-vittma. Hemm imbagħad l-element materjali ta' dan r-reat u cioe' l-użu ta' ingann jew raġġiri li jwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li ikun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dan sabiex jikseb profitt jew vantaġġ għalih innifsu. Jekk xi wieħed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti. B'rabta ma' dan il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża **Il-Pulizija vs. Carmela German** deċiża nhar it-30 ta' Diċembru 2004, qalet is-segwenti : -

> In tema legali gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-12 ta' Frar, 1999 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Anthony Francis Willoughby** li:
>
> "Fil-ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf partimonjali bill-konsegwenti qligh ghall-agent (Il-Pulizija v. Emmanuele Ellul, App. Krim., 20/6/97; ara wkoll Il-Pulizija v. Daniel Frendo, App. Krim., 25/3/94). Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma, proprju ghax tkun giet ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent (**Il-Pulizija v. Carmel Cassar Parnis**, App. Krim., 12/12/59, Vol. XLIII.iv.1140). Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f' "raggiri o artifizi" – dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mise en scene – ikun hemm it-truffa; jekk le, ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolent innominat) (ara, fost ohrajn, **Il-Pulizija v. Carmelo Cassar Parnis**, App. Krim., 31/10/59, Vol. XLIII.iv.1137; **Il-Pulizija v. Francesca Caruana**, App. Krim., 25/7/53, Vol. XXXVII.iv.1127; ara wkoll **Il-Pulizija v. Giuseppe Schrainer**, App. Krim., 3/3/56)."

36. F'dan ir-rigward ukoll din il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża **Il-Pulizija vs. Omissis, Omar Caruana u Omissis**[11] fejn a sua volta ġiet iċċitata l-kawża **Il-Pulizija vs. Charles Zarb** deċiża nhar it-22 ta' Frar 1993 :-

> **"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Francis ... Id-**

[11] Ċitata iktar 'il fuq

**disposizzjonijiet tal-Kodici taghna li jikkontemplaw ir- reat ta' truffa kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta'l-artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi .....".** Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta'l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.

Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd.

Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal- fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta'l-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.

Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkometti d-delitt tat-truffa kullmin:

a. b'mezzi kontra l-ligi, jew
b. billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew
c. ta' kwalifiki foloz jew
d. billi jinqeda b'qerq iehor u
e. ingann jew
f. billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,
g. jew ta' hila
h.setgha fuq haddiehor jew
i. ta' krediti immaginarji jew
j. sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.

Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l- manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil- ligi.
Dwar l-artifizzji intqal mill-Qorti illi **"hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza "Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede."**

Ghar-reati ta' truffa komtemplat fl-artikolu 308 tal-Kodici kriminali, il-Qorti iccitata lill-Imhallef Guze Flores fejn qal illi **"kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal- falsita prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex**

**bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene."**

Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-**reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il- kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar- reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta' l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."**

Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti ta'l-Appell li iccittat diversi sentenzi ohra tal-Qrati taghna jidher illi l- elementi rikjesti sabiex jisussisti ir-reat tal-frodi baqghu invarjati fi-zmien. Illi ghar-rigward ta'l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (Il-Pulizija vs Patrick Spiteri deciza 22/10/2004) : **"L'agente ... deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stess, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."**

37. Illi għal dak li jirrigwarda l-'messa in scena', il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża **Il-Pulizija vs. George Manicolo** deċiża nhar it-13 ta' Lulju 1998 qalet is-segwenti :-

Illi l-ġurisprudenza nostrali dejjem kienet illi sabiex jissussisti r-reat ta' truffa mhix biżżejjed is-sempliċi gidba, il-kliem menzjonier, izda hu neċessarju u essenzjali li jkun hemm ukoll l-apparat estern li jagħti fidi u kredibilita' lil dik il-gidba. Dan l-att estern jista' jiehu diversi forom, kultant anke att teatrali. Irid ikun att, jew atti, li jimpressjonaw bniedem ta' intelligenza u prudenza ordinarja u normali, għandhom ikunu atti frawdolenti li neċessarjament iqajmu sentimenti kif indikat fl-artikolu 308 tal-Kap. 9. Irrid ikun hemm il-messa in xena u ghalhekk, kif intqal, il-gideb waħedhom mhumiex suffiċjenti. Iridu jkunu atti, inkluż kliem ħelu u perswassiv, li jwasslu lil xi ħadd jemmen l-eżistenza ta' xi ħaġa msemmija mil-frodatur, liema ħaġa, in realta', ma teżistix. Minbarra l-gideb ghalhekk, irid ikun hemm l-ingann, ir-raġġiri jew is-simulazzjoni li jwasslu sabiex il-vittma jemmen jew ikollu fidi

f'dak li qed jiġi lilu mwiegħed mill-frodatur. Dan l-ingann, għalhekk, għandu jkun akkumpanjat b'artifizji kwazi teatrali, u mhux sempliċement wegħdiet, promessi u kliem sempliċi. Dan hu element ferm importanti fir-reat ta' frodi. Biex ikun hemm dawn l-artifizji, mhux biżżejjed il-kliem waħdu, iżda dan il-kliem għandu jkun elokwenti, studjat u perswassiv; ma' dan it-tip ta' kliem għandu jkun hemm xi ħaġa esterna li apparentement tikkonferma u tipprova l-fatti assenti, ċjoe' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjoni menzjoniera tal-frodatur;

Din il-messa in xena hi magħmula minn dawn l-artifizji jew raġġiri idonei li jinduċu u fil-fatt ikunu induċew lill-vittma fi żball li bħala riżultat ta' dan l-iżball, il-vittma tagħmel jew tonqos li tagħmel xi ħaġa li ġġibilha telf patrimonjali bil-korrispondent qligħ għall-aġent frodatur; Kif ġie stabbilit u riaffermat fil-Qrati tagħna, ikun ħati ta' truffa minn jagħmel użu minn kwalita' falza sabiex jaghmel qligħ għad-dannu ta' haddieħor;'.

38. Hekk ġie ritenut ukoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Alfred Custo** deċiża nhar is-7 ta' Lulju 1998 :-

Sabiex jikkonkorri dan ir-reat, skond din id-duttrina, jeħtieġ li jkun hemm mhux biss is-sempliċi parole menzogniere, iżda anki l-mis en scene li tagħti kreditu lil dawk il-kliem ta' gideb u ingann. Huwa neċessarju għalhekk li jiġi ppruvat li l-buona fede tal-vittma tiġi sorpriża b'dan l-artifizju jew kwalifiki foloz, bħalma huma ismijiet foloz.

39. Hekk ukoll fil-kawża **Il-Pulizija vs. Emanuele Ellul** deċiża nhar l-20 ta' Ġunju 1997, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti : -

Fil-liġi tagħna, element essenzjali għall-kostituzzjoni tar-reat ta' truffa hija l-mise-en-scene, ċjoe dawk l-artifizi jew raggiori idonei li jinduċu u li effettivament ikunu induċew ill-vittma fi żball -l-ingann – u li b'konsegwenza ta' dak l-iżball il-vittma tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa li ġġibilha telf patrimonjali bil-korrispondenti qliegħ għall-aġent.

Il-liġi tagħna ma tirrikjedix li l-messa in scena ċjoe li dawn l-artifizi jew raġġiri ikunu xi ħaġa kkumplikata jew arkittetta b'ħafna pjanijiet; in fatti l-Liġi stess tindika l-forom li dawn l-artifizi jew raggiri jistgħu jieħdu. Fost dawn hemm is-sitwazzjonijiet ta' meta persuna b'kwalisiasi forma ta' qerq, inganna jew simulazzjoni tagħti x'tifhem li għandha l-flus meta mgħandhiex. Meta wieħed joħroġ ċekk meta kien jaf li ma kienx hemm fondi fil-kont in kwistjoni sabiex dak iċ-ċekk jista' jiġi onorat ikun qed jinganna jew jipprova jinganna b'waħda mill-forom ikkontemplati fil-liġi tagħna.

40. Din il-Qorti mill-ewwel tirrileva li jirriżulta mhux ikkontestat li Carmelo Galea kien konsapevoli tal-fatt li l-art in kwistjoni ma kinitx

ta' AZZOPARDI. Il-kwistjoni kollha hija jekk minkejja li huwa kellu din il-biċċa informazzjoni, setgħax xorta waħda jemmen lil AZZOPARDI meta dan kien jgħidlu li din l-art kienet sejra ddur fuqu u kemm effettivament kienet **din** l-intenzjoni ta' AZZOPARDI u cjoe' li jsir propretarju ta' din l-isemmija art biex sussegwentement jitrasferiha fuq Galea permezz ta' kuntratt ta' bejgħ. F'paġna 33 tax-xhieda tiegħu Galea xehed kif kien hu li talab l-art lil AZZOPARDI u qal li AZZOPARDI wieġbu **li kien wasal biex ibiegħhielu**. Huwa jkompli jgħid li qablu fuq dan il-prezz ta' Ewro 250,000. F'dan l-istadju l-Qorti tirrileva li sa dan il-mument, Galea kien jaf li AZZOPARDI ma kienx għadu l-propretarju tal-art in kwistjoni iżda minn kliem AZZOPARDI, 'Dik l-art wasalt biex inbiehhielek' **Galea fehem li AZZOPARDI ma kienx qatagħlu qalbu anzi kien saħħaħlu l-fehema tiegħu li dan in-negozju kien wasal biex isir.** U tant hu hekk, li fil-21 ta' Mejju 2014, Galea u AZZOPARDI, **fuq inizjattiva ta' AZZOPARDI**, iffirmaw skrittura privata bejnithom (Dok. A) liema skrittura kienet ġiet miktuba di mano minn AZZOPARDI u liema ftehim kien jgħid li s-somma ta' Ewro 36,500 li kienu flejjes dovuti minn AZZOPARDI lil Galea kellhom jitqiesu bħala depożitu fuq biċċa art ġewwa Ta' Qali fuq somma finali ta' Ewro 250,000. F'dan ir-rigward, Galea f'paġna 34 tax-xhieda tiegħu jgħid hekk:

> Xhud: Ija, dak id-dokument li għamilna jiena u s-sur Azzopardi li kelli nieħu thirty six thousand five hundred (36,500) minn għandu sewwa illi dawn marru mbagħad fuq dik il-biċċa art li xtrajt minn għandu ta' mitejn u ħamsin elf (250,000).
> P. Civile: Kif taf li marru fuq dik l-art, minn qallek?
> Xhud: **Hu s-sur Azzopardi**.[12]
> P. Civile: Sewwa, x'kien qallek?
> Xhud: Li l-art nixtrieha mitejn u ħamsin elf (250,000) jiena nsomma u għamilna speċi ta' konvenju illi jekk din l-art ma tiġix f'idejja l-flus neħodhom lura.
> P. Civile: Sewwa, issa dik il-karta quddiem min saret, min għamilha, x'taf tgħidilna dwarha?
> Xhud: **Dik il-karta kien għamilha hu stess, kitba tiegħu, ffirmajtha jiena u ffirmaha hu.**[13]

41. Skont l-imsemmija skrittura, AZZOPARDI kien intrabat li din l-art tinqaleb f'isem Galea **fi żmien xahrejn mid-data tal-iskrittura** b'dana li dan it-trasferiment ma jseħħx biss fiż-żmien patwit minħabba xi bżonn ta' riċerki jew fatt straordinarju. Iżda, mill-provi jirriżulta li fit-22 ta' Settembru 2014, l-appellant kien reġa' talab aktar

[12] Enfasi ta' din il-Qorti.
[13] Enfasi ta' din il-Qorti.

flus, u senjatament is-somma ta' Ewro 1,200 għal skop ta' riċerki u għalhekk dak patwit fl-iskrittura privata diġa ma ġiex onorat bejn il-partijiet. **<u>Dan ifisser allura li sa Settembru 2014, l-art in kwistjoni lanqas ma kienet għadha għaddiet minn fuq il-propretarju oriġinali għal fuq AZZOPARDI.</u>** Sadanittant, wara li għaddielu dawn il-flejjes, Galea jgħid hekk f'paġna 35 tax-xhieda tiegħu : -

Xhud: Kull darba kont nistaqsi lil Azzopardi jiena meta ħa nagħmlu l-kuntratt.
P. Civile: U x'kien jgħidlek hu?
Xhud: Kien jgħidli li għad baqa' xi karti xi jridu jinstabu u affarijiet minn dawn.

42. U kien propju minħabba din l-insistenza ta' Galea, li jirriżulta li fl-24 ta' Novembru 2014, AZZOPARDI ħa lil Galea għand in-Nutara Elaine Farrugia bl-intendiment li jsir konvenju u ċjoe' il-promessa tal-bejgħ ta' din l-imsemmija art. In-nutara pero' mill-ewwel ġibdet l-attenzjoni tal-partijiet li dan il-konvenju ma setax isir minħabba li l-art in kwistjoni ma kienetx ta' min kien qiegħed jipproponi li jbiegħha u ċjoe ta' AZZOPARDI u għalhekk hija ma setgħetx bil-liġi tirreġistra konvenju. **<u>F'dan il-mument iżda, AZZOPARDI ppreżenta lil Galea b'kopja tas-'site plan' flimkien ma' kuntratt li juri l-akkwist mis-sid oriġinali ta' din l-art.</u>** F'paġna 34 tax-xhieda tiegħu Galea jgħid hekk : -

P.Civile: Mela qed nagħmel referenza għal Dok C Sur Maġistrat preżentat in Atti, mela dan id-dokument taf tgħidilna x'inhi, **<u>min tahulek?</u>**[14]
Xhud: Dan id-dokument **<u>tahuli Joseph Azzopardi.</u>**[15]
P. Civile: U x'juri dan id-dokument?
Xhud: Dak id-dokument juri liema hi l-art.
P. Civile: Sewwa u f'liema ċirkostanzi tahulek dak id-dokument, x'qallek meta tahulek, qallek x'inhu?
Xhud: Dan id-dokument bħal ma għidt konna morna għamilna konvenju sewwa u **<u>kien ippreżentali</u>**[16] dan id-dokument fejn juri l-art liema hi.

43. Jirriżulta wkoll minn paġna 126 tax-xhieda tan-Nutar Farrugia li fil-mument li n-Nutara Farrugia infurmathom li ma setgħetx tirreġistra konvenju fuq l-imsemmija art, Galea u AZZOPARDI talbuha sabiex tirrediġi skrittura privata bejnithom bħal dik li kienu ntrabtu biha fil-21 ta' Mejju 2014 :-

Ix-xhud: Le, quddiemi ma sar l-ebda tip ta' ħlas peress li jiena ma stajtx nagħmel l-ebda konvenju, pero' kien preżentawli skrittura privata li kienu

[14] Enfasi ta' din il-Qorti.
[15] Enfasi ta' din il-Qorti.
[16] Enfasi ta' din il-Qorti.

irrediġew huma u qaluli li jridu jagħmlu xi ħaġa simili biex is-somma tkun ammont differenti. Fil-fatt kont, hawnhekk għandi kopja tal-iskrittura privata li kienet għal ħamsin elf (50,000) kellha sservi bħal xi depożitu fuq din il-biċċa art. Din just bħala self bejniethom kienet, li iffirmaw it-tnejn li huma biss u meta skadiet imbagħad ġiet imġedda darbtejn oħra u mhux quddiemi. Dawn li għandi bħala dokumenti.

44. Jirriżulta wkoll li jumejn wara li Galea u AZZOPARDI kienu marru għand in-Nutara u ftehmu kif ingħad, Galea għadda pagament ieħor ta' Ewro 12,000 lill-appellant AZZOPARDI u dan wara li dan tal-aħħar kien talabhulu 'biex ikomplu jsiru xi affarijiet'. Fuq domanda tal-avukat tal-parte civile magħmula waqt l-eżami ta' Carmelo Galea, dan wieġeb illi minkejja li lil AZZOPARDI kien għaddielu dawn il-flejjes, id-diskors da parte tal-appellant kien ikun li kien għad fadal xi karti xi jridu jsiru. F'paġna 39 tax-xhieda tiegħu jgħid hekk :-

P. Civile: Inti imma minn naħħa tiegħek kellimtu dwar x'kien qiegħed jiġri?
Xhud: U żgur li kellimtu kemm il-darba u qatt ma kien ikolli spjegazzjoni ċara.
P. Civile: X'kien jgħidlek?
Xhud: Kien jgħidli dejjem ħa jsiru xi karti, hemm xi karti li jridu jsiru, denunzji u mhux denunzji u sejrin biha hekk hux u dejjem għaddej iż-żmien.

45. U li l-art in kwistjoni baqgħet ma għaddietx lil Galea minkejja li baqa' għaddej iż-żmien jirriżulta wkoll mid-dokumenti esebiti min-Nutar Elaine Farrugia a folji 130 u 131 tal-atti proċesswali liema dokumenti jirrappreżentaw ftehim ta' tiġdid bejn il-partijiet tal-wehda ta' AZZOPARDI li huwa jbiegħ l-imsemmija art lil Galea wara li jkun akkwistaha mingħand l-eredi ta' Franġisk Fenech. Flimkien, dawn iż-żewġ dokumenti jwasslu dan il-ftehim sad-data tal-24 ta' Frar 2015 **<u>sa liema mument, din il-Qorti tirrileva li AZZOPARDI qatt ma ta x'jifhem li din it-transazzjoni ma kinetx sejra ssir bejn il-partijiet.</u>** Kien biss wara li skada t-terminu tal-imsemmija skritturi privati u AZZOPARDI baqa' ma avviċinax lil Galea għat-trasferiment tal-imsemmija art, li Galea reġa' staqsa lill-appellant għall-spjegazzjoni ta' għalfejn ma kien għadu sar xejn u bħala risposta, l-appellant kien ta lil Galea skrittura ttimbrata wkoll mill-avukat tal-fiduċja tiegħu (Dok. F) fejn kien ddikjara lilu nnifsu bħala debitur ta' Galea għas-somma ta' Ewro 50,000 u li kien sejjer isalda dan id-dejn li kellu ma' Galea sa tmiem ix-xahar ta' Novembru 2016. Minkejja dan pero', AZZOPARDI baqa' qatt ma ħallas lil Galea.

46. Mill-banda l-oħra, meta l-appellant jixhed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), huwa jagħti stampa differenti għaliex jgħid li din

il-ġrajja ma kienitx truffa a spejjeż ta' Galea iżda kienet sempliċement wehda ta' bejgħ li ma setgħet qatt tiġi konkluża. Huwa saħansitra jitfa' t-tort fuq l-eredi ta' Francesco Fenech: Joseph Tanti u Christine Mifsud li kważi kważi skontu qatt ma kienu qatagħhulu qalbu li dan it-trasferiment kien sejjer isir iżda li qatt ma kienu waslu sabiex effettivament jitrasferixxu l-art lilu bil-konsegwenza li ma setgħax allura jidħol f'kuntratt ta' xiri u bejgħ ma' Galea fuq din l-imsemmija art. Għaldaqstant, jargumenta kif kemm-il darba anki hu aġixxa b'konvinzjoni li tali trasferiment kien sejjer javverra ruħħu, qatt ma jista' Galea jakkużah li l-flejjes kien ħadhomlu b'mod qarrieqi sabiex iġiegħlu jemmen li effettivament kien hemm negozju għaddej bejnu u bejn il-werrieta ta' Francesco Fenech u li kien ser jirnexxilu jakkwista l-art sabiex imbagħad jgħaddieha lilu quddiem in-Nutara Farrugia.

47. Din il-Qorti hawnhekk tirrileva li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellha quddiemha żewġ verżjonijiet dijametrikament opposti fuq il-kwistjoni ta' għalfejn dan in-negozju qatt ma seħħ bejn il-partijiet. Galea jpinġi stampa ta' AZZOPARDI li għad li kien jaf li ma kien qatt sejjer jakkwista l-art mingħand Tanti u Mifsud, xorta waħda baqa' jittamah u jsaħħaħlu l-konvinzjoni li tali negozju kien possibbli b'mezzi konkreti bħalma huma l-fatt li ħadu għand in-Nutar Farrugia sabiex isir konvenju u l-fatt li dan kien intrabat bi skrittura privata li baqgħet tiġġedded minn żmien għal żmien. AZZOPARDI jgħid li tali negozju ma seħħx minħabba li t-trattativi mal-eredi ta' Fenech qatt ma wasluh imkien. F'dan ir-rigward, din il-Qorti tosserva kif Galea dejjem kien konsistenti fl-insistenza tiegħu li jsir il-bejgħ ta' l-imsemmija art u jidher li dejjem aġixxa b'konvinzjoni li tali bejgħ kien possibbli għaliex AZZOPARDI dejjem hekk sostna miegħu. Din il-Qorti lil Galea temmnu anki għaliex loġikament ma kienx sejjer jibqa' jivversa ammonti kbar ta' flus b'rabta ma' trasferiment ta' proprjeta' li kieku ma kienx konvint u emmen li dan il-bejgħ xi darba kien sejjer javvera ruħħu.

48. U għalkemm mal-ewwel impatt tirriżulta inverosimili sitwazzjoni ta' fejn persuna, għalkemm taf li hemm ostakolu għal bejgħ, tibqa' temmen f'dan il-bejgħ u anki tħallas flejjes kbar b'rabta miegħu (addirittura anki l-Qorti tal-Maġistrati staqsiet domandi x'dan is-sens), Galea jagħti spjegazzjoni ċara ta' għalfejn għamel dan:

(i) jgħid li huwa emmen li dan il-bejgħ kien possibbli għaliex f'moħħu meta jsir bejgħ, il-partijiet imorru għand in-nutara;

(ii) jgħid li ma kienx għamel il-verifiki tiegħu jekk l-art kienetx effettivament għaddiet mingħand Francesco Fenech għal għand AZZOPARDI għaliex f'moħħu n-Nutara kienet sejra tagħmel il-verifiki hi permezz ta' riċerki;
(iii) għalkemm ma kienx sar konvenju, xorta waħda kien hemm skrittura privata ffirmata bejnu u bejn AZZOPARDI fejn dan kien saħansitra ntrabat li jroddlu flusu lura bl-imgħax u entro perjodu speċifiku jekk tali trasferiment minn fuq il-werrieta ta' Fenech għal fuq AZZOPARDI ma kienx iseħħ u
(iv) il-fatt li kien ingħata site plan u 'affarijiet minn dawn' kienu evidenza tas-serjeta' tan-negozjati li kienu qiegħdin isiru bejn il-partijiet.

49. Din il-Qorti tqis li din il-konvinzjoni ma kienitx ta' Galea waħdu hekk kif minn kliem in-Nutara Farrugia jidher kif anki **<u>hi kienet ikkonvinċiet ruħħa li l-konvenju fuq l-imsemmija art u s-sussegwenti trasferiment tal-art minn AZZOPARDI għal Galea kien sejjer isir u li dan kellu saħansitra jsir fi żmien qasir.</u>** Fl-ebda ħin infatti ma tixhed li minkejja li ma setax isir il-konvenju f'dak il-mument preċiż, il-bejgħ ta' din l-art ma kienx possibbli u infatti tixhed ukoll f'paġna 127 tax-xhieda tagħha kif Galea (b'konvinzjoni allura li kellu jsir il-konvenju u l-kuntratt finali) kien ħalla magħha depożitu ta' Ewro 500 għal skop ta' riċerki. In kontro-eżami f'paġna 208 tkompli tisħaq fuq dan il-ftehim li kellha mal-partijiet fuq li l-konvenju kellu jsir fi żmien qasir, tant hu hekk li kienet iċċemplilhom ta' spiss sabiex tistaqsi għalfejn kien għaddej iż-żmien u ma kienux għadhom għamlu kuntatt magħha għal dan il-għan :-

> Ix-xhud: Sinċerament ma niftakarx. Ifhimni, dan kont qiegħda, jien bilqiegħda hawnhekk u huma t-tnejn qegħdin ħdejja, qaluli, 'issa żomm il-karti, issa ħa nibgħatu għalik biex nagħmlu konvenju dalwaqt'. Għax suppost l-art kellha tinxtara xi żmien veru qasir, tant li jiena kont inċemplilhom ta' spiss biex nara isma' dan il-konvenju meta ħa jsir, mingħalija. Imma mbagħad ma smajt xejn iktar. Imma ma niftakarx min minnhom għax kienu qegħdin it-tnejn hemmhekk.

50. In oltre, din il-Qorti tqis kif il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għalkemm kellha ż-żewġ verżjonijiet opposti ta' Galea u ta' AZZOPARDI, kienet komfortata wkoll mix-xhieda tal-werrieta stess Joseph Tanti u Christine Mifsud li **<u>t-tnejn li huma ċaħdu kategorikament li qatt kien hemm xi negozjati dwar il-bejgħ ta' din l-art</u>** ma' AZZOPARDI. F'paġna 88 tax-xhieda tiegħu Joseph Tanti jgħid hekk :-

Spettur Elton Taliana: Issa, dik l-art kien hemm xi darba xi ftehim mas-Sur Ġużeppi Azzopardi li tinbiegħ lilu jew kien hemm xi
Xhud: Le. Le.
Spettur Elton Taliana: Qatt ma kien hemm ftehim fuqha.
Maġistrat: Li taf bih int
Xhud: Li naf bih jien imma qatt ma kien hemm ftehim bejnitna.

51. L-appellant kien minn banda l-oħra qal hekk fuq Joseph Tanti f'paġna 151 tax-xhieda tiegħu :-

Jien kont nitkellem ħafna ma' Joe Mifsud eh ma' Joe Tanti illi hu kien jgħidli, ''issa la jinfetaħ il-wirt naraw, inbiegħulek''. Hu da parti tiegħu ried ibiegħ qal kelma b'oħra fil-Qorti illi jiena qatt ma għidtlu, filwaqt li s-Sinjorina Mifsud qalet li jiena għidtilha ripetutament biex ibiegħuli hemmhekk u l-iskop kien biex intih lil Charlie Galea.

52. L-istess baqa' jtenni meta kkonfrontat in kontro-eżami u ċjoe li kien hemm ftehim mal-werrita ta' Francesco Fenech fuq il-bejgħ ta' din l-imsemmija art :-

Pros: Inti għidt 'naslu'. Naslu għal xiex
Xhud: Nasal biex jekk nixtrieha jiena ngħaddieha lil Charlie Galea. Dak kien l-understanding quddiem in-nutara la iktar u lanqas inqas. In-nutara qalet-
Pro: Jien qed nghidlek mal-werrieta ta' Ċikku Fenech, xi ftehim kien hemm?
Xhud: Il-werrieta ta' Ċikku Fenech jiena lil waħda għidtilha u lill-ieħor għidtlu. Hu kien jgħidli Joe Tanti illi hu jrid ibiegħ għax hu ma jridx ikun nofs bin-nofs kif qegħdin.
Pros: Mal-werrieta ftehmt xi prezz kemm ħa tixtrieha din l-art?
Xhud: Jien lil Joe Tanti offrejtlu mitejn u ħamsin elf (250,000). Din bħalma Christine Mifsud qalet illi jiena fl-awla tal-Maġistrat Josette Demicoli nagħmel li rrid. Jiena nixtieq li jkun hawn il-Maġistrat Josette Demicoli-

53. Meta mbagħad xehdet Christine Mifsud, hija wkoll ikkonfermat il-verżjoni li ta Joseph Tanti u għalhekk xejn ma kienet ta' korraborazzjoni għal verżjoni tal-appellant. Hekk f'paġna 93 tax-xhieda tagħha Christine Mifsud tgħid li saħansitra mingħand min wirtuha kien għaddielhom l-art bi struzzjonijiet li ma jċeduha qatt lil AZZOPARDI:

Spettur Elton Taliana: Issa, qatt kien hemm xi ftehim biex tinbiegħ din l-art lis-Sur Gużeppi Azzopardi?
Xhud: No. Dejjem xtaq hu. Dejjem jgħidilna biex inbiegħwielu imma qatt ma konna interessati li nbiegħwielu għax min ħallihielna din għamililna ċara li ma joħodhiex hu u nżommuha aħna.

54. Illi, fid-dawl tax-xhieda hekk kif analizzata, din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment tikkonkludi li dik ta' AZZOPARDI kienet biss fabbrikazzjoni mibnija fuq finzjoni magħmula bi skop ta' qliegħ bi ħsara ta' ħaddieħor (Galea). Galea kien indott li jemmen kliem AZZOPARDI meta dan tal-aħħar kien iwegħedu li sejjer ibiegħlu din l-art. F'dan il-każ ma hemmx sitwazzjoni fejn AZZOPARDI qal sempliċi "gidba" lil Galea. F'dan il-każ, din il-gidba – ossija l-fatt li AZZOPARDI kien sejjer ikun, fi żmien qasir, is-sid ta' din il-prozjoni art – meta skont l-istess werrieta ta' Ċikku Fenech jiċħdu bil-ġurament tagħhom li kien hemm xi ftehim f'dan is-sens bejniethom, bi Christine Mifsud tinsisti li tant kien hekk li anke Ċikku Fenech innifsu kien qalilhom biex ma jbiegħuhiex lil AZZOPARDI - kienet allura gidba magħmula mill-appellant b'mod konsapevoli u liema gidba ġiet imsaħħa b'diversi mezzi qarrieqa intiżi li jikkarpixxu l-kunsens ta' Galea sabiex dan jgħaddilu l-flus. Dawn il-mezzi qarrieqa kienu qegħdin jieħdu s-sura ta' serje ta' manuvri li fid-deher tagħhom kienu jagħtu mhux biss stampa ta' kredibilita, iżda wkoll ta' leġittimita ta' dak li kien qiegħed iwiegħed l-appellant. Il-mezzi fihom infushom kienu leġittimi, iżda l-użu tagħhom kien qarrieq. Dawn il-mezzi jieħdu l-forma ta' skritturi privati magħmula fuq inizjattiva ta' AZZOPARDI stess fejn saħansitra biex jagħtihom iktar kredibilita' kien jintrabat li f'każ li ma jwettaqx il-promessa pattwita, huwa kien irodd lil Galea l-flus versati b'rabta ma' dan il-bejgħ, **<u>bl-imgħax</u>**. Hekk kif diġa' ngħad, Galea stqarr quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li saħħaħ fehemtu li t-transazzjoni kienet waħda veritiera għaliex AZZOPARDI sa ppreżentalu 'site plan' u kuntratt u anki ħadu għand Nutar. Din il-Qorti tqis li huwa leġittimu għal bniedem ta' sagaċja ordinarja li ma jiddubitax il-kliem ta' AZZOPARDI ġaladarba dan, il-kliem tiegħu kien qiegħed isaħħaħhom bl-involviment anki ta' Nutar Pubbliku – bil-ħsieb li allura jinstilla aktar fiduċja f'moħħ Galea għal dak li AZZOPARDI kien qiegħed jgħidlu u jwegħdu. Bniedem ta' sagaċja ordinarja kien ikun ġustifikat li ma jiddubitax kliem AZZOPARDI f'dan il-kuntest. Anki n-Nutara Farrugia, professjonista b'diliġenza li tissupera dik ta' bniedem ta' sagaċja ordinarja, emnet li AZZOPARDI fis-sens li l-konvenju biex din l-art tiġi akkwistata minnu kellu jsir f'qasir żmien; u dan minħabba preċiżament li anke n-Nutara emnet lil AZZOPARDI li l-art in kwistjoni kienet sejra tgħaddi f'ismu fi żmien qasir. AZZOPARDI b'hekk irnexxielu, bi kliemu u b'għemilu jinganna mhux biss lil Galea iżda wkoll lin-Nutara.

55. Din il-Qorti tqis li kieku ma kienx għax-xiehda tal-werrieta ta' Francesco Fenech, verament li f'dan il-każ setgħa kien hemm spazju għal dubju dettat mir-raġuni dwar kemm il-kliem u l-aġir tal-appellant kien truffaldin. Iżda x-xiehda ta' dawn l-eredi ta' Ċikku Fenech jagħlqu ċ-ċirku probatorju. Il-konferma tagħhom li bejnhom u l-appellant ma kien hemm ebda ftehim ta' bejgħ ta' din l-art u li dan il-fatt kien jafu l-appellant jeskludi li f'dan il-każ setgħa kien hemm il-buona fede tal-appellant jew l-element ta' dubju dwar jekk verament l-appellant kienx in proċint li jakkwista din l-art. Grazzi għax-xiehda tal-eredi ta' Ċikku Fenech jirriżulta li AZZOPARDI kien qiegħed konsapevolment iwiegħed lil Galea negozju li kien jaf li **ma seta' qatt jimmaterjalizza ruħhu** minkejja x-xewqat li huwa setgħa kellu.

56. F'dan ix-xenarju probatorju għalhekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment tikkonkludi li l-flejjes kollha mitluba u mgħoddija lilu minn Galea b'rabta ma' dan il-bejgħ ġew prokurati b'ingann adoperat minnu. Fil-mument tal-konsumazzjoni tar-reat, AZZOPARDI kien konxju mill-inġustizzja tal-profitt illegittimu tiegħu in kwantu kien jaf, jew messu kien jaf sew li huwa ma setgħax jasal iwettaq dak li kien qiegħed jikkonvinċi lil Galea biex jivversalu dejjem aktar flus; u minkejja dan AZZOPARDI baqa' għaddej bil-manuvra truffaldina tiegħu biex dejjem isaħħaħ id-determinazzjoni ta' Galea li dan il-bejgħ ser isir fi żmien qasir, b'Galea jabbokka għal din is-sunnara u jkompli jgħaddilu l-flus in konnessjoni ma bejgħ li AZZOPARDI kien jaf li ma setgħa qatt isir.

57. AZZOPARDI ma jistax javvantaġġja ruħu mill-fatt li fis-17 ta' Awissu 2016 iffirma karta fejn wiegħed li jrodd lura l-flejjes kollha dovuti minnu lil Galea. Jekk xejn, fil-kuntest probatorju de quo, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet raġonevolment tinterpreta din bħala manuvra oħra, alkwantu intelliġenti da parti tal-appellant sabiex filwaqt li jtawwal l-effetti din it-truffa – ossija l-mankat ħlas lura tal-flejjes karpiti mingħand Galea – fl-istess waqt jagħti dehra, jippreżenta faċċata, li huwa kien qiegħed jirrikonoxxi, għal darb'oħra li huwa debitur, bit-tama li b'daqshekk jinnewtralizza kwalunkwe suspett ta' mala fede u jissostitwiha b'dehra ta' buona fede.

58. Iżda l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet raġonevolment tinterpreta din l-iskrittura bħala li tkun serviet biss ta' apparat estern ulterjuri sabiex fl-isfond tal-bqija tal-iskritturi li kien intrabat bihom ma' Galea, ikompli jserraħlu rasu li dawn il-flejjes kienu sejrin jintraddu lura. Iżda, facta non verba. U wara kollox, minkejja l-iskritturi kollha iffirmati bejn AZZOPARDI u Galea, il-flus karpiti

mingħand Galea baqgħu ma ntraddux lura la pendenti l-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u laqnas fil-mori tal-appell quddiem din il-Qorti.

59. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija fl-appellant għar-reat ipotizzat fl-ewwel imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

**Analiżi tal-provi miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u li fuqhom dik il-Qorti sabet lill-appellant ħati tat-tielet imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant.**

60. Illi l-Artikolu 293 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk : -

> Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar: Iżda ebda proċediment kriminali ma jista' jinbeda għal dan id-delitt, ħlief bi kwerela tal-parti.

61. Imbagħad fl-Artikolu 294 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Liġi tħarrax il-piena kkontemplata fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 293 f'każ fejn l-appropjazzjoni ndebita tkun saret minn persuna li tkun ġiet fdata b'oġġett minħabba il-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tagħha.

62. Illi għal dak li jirrigwarda l-appropjazzjoni indebita, skont il-ġurisprudenza prevalenti [17] l-elementi li jsawru r-reat ta' appropjazzjoni indebita huma s-segwenti :-

i. Il-pussess tal-ħaġa jkun ġie trasferit lis-suġġett attiv tar-reat volontarjment mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jigi

[17] Ara fost oħrajn **Il-Pulizija vs. Carmel Saliba** deċiża nhar it-13 ta' Jannar 2012

speċifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivoċita, li l-konsenja da parti tal-proprjetarju jew detentur lil aġent jew lis-suġġett attiv tad-delitt, trid tkun magħmula con l'animo di spostarsi del possesso, għax altrimenti jiffugura mhux ir-reat tal-approprjazzjoni ndebita, imma s-serq.

ii. Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx ukoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju ċjoe' tal-proprjeta' ghaliex f'dan il-każ ma jiffugurax l-element tal-azzjoni ndebita.

iii. Illi l-oġġett irid ikun mobbli;

iv. Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jagħmel tiegħu l-ħaġa ċjoe' japproprja ruħu minnha, jew ibiegħa, jew jiddistruġġiha a proprio comodo o vantaggio;

v. Irid ikun hemm wkoll l-intenzjoni tas-suġġett attiv tar-reat li japproprja ruħu mill-oġġett li jkun jaf li huwa ta' ħaddiehor.

63. Hekk ukoll intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża **Il-Pulizija vs. Enrico Petroni u Edwin Petroni** deċiża fid-9 ta' Ġunju 1998:

> Dana r-reat isehh meta wiehed (1) jircievi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku; (3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor.
>
> L-awtur Taljan Maino fil-ktieb tieghu Commento al Codice Penale Italiano [vol IV - p.102, para 1949 u p. 105 - para 1951] jghid is- segwenti:
>
> "Il reato di appropriazione in debita e' perfetto colla conversione della cosa altrui in profitto a proprio o di un terzo, independentemente dall'effettivo ricavo della conversione." Il-Carminiani fil-ktieb tieghu Elementi Iuris Criminali - (para 1020) jiddefinixxi dan ir-reat li huwa jsejjahlu bhala:- "il fatto de quo lui, che avendo ricevuto dal propretario mediante contratto non transiattivo di dominio, una cosa immobile, questa contro i patti e' contro la volonta del propretario stesso e' converta in uso proprio con animo di appropriarsela o la distrugge e' a proprio lucro e commodo."
>
> Carrara fil-kieb tieghu Diritto Penale taht t-titolu Esposizione dei delitti inspecie (vol 4. para 284) li wkoll jissejjah dan ir-reat truffa b'mod l-aktar sintetiku, jiddefinixxi dan ir-reat bhala:- "la dolosa appropazione di una cosa altrui che si e' ricevuto del propretario per una convenzione non translattiva di domino e' da uso determinato." Essenzjalment ghalhekk l-approprazzjoni indebita ma hi xejn hlief abbuz ta' fiducja li permezz tieghu wiehed jirrendi bi profitt ghalih haga li tkun giet konsenjata lilu jew fdata f'idejh b'att liberu u spontanju (vide Il-Pulizija vs Joseph Mifsud deciza nhar it-tnejn ta' Dicembru, 1992 mill-Qorti talAppell Kriminali; Il-Pulizija vs Joseph Richmond et deciza nhar l-erbatax ta' Jannar, 1993; Il-Pulizija vs Capt. Albert Mallia deciza nhar il-hamsa w ghoxrin ta' April, 1949 u Il-

Pulizija vs Emanuel Cassar deciza nhar Ighoxrin ta' Ottubru, 1997). B'dan il-Qorti riedet tfisser li jrid ikun hemm konversjoni u hemm konversjoni inter alia meta l-hati jkun ircieva l-haga biex minnha jaghmel uzu determinat u minflok li jikkommettiha ghall-beneficcju tieghu stess jew jiddisponi mill-haga kuntrarjament ghall-pattijiet stipulati in buona fede.

64. In oltre, fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Gauci** deċiża nhar l-14 ta' Frar, 1997, il-Qorti tal-Appell Kriminali irriteniet hekk:

Minn ezami ta' l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jidher car li wiehed mill-elementi essenzjali ta' l-approprjazzjoni indebita huwa kostitwit mill-frazi: "... taht titolu illi jgib miehu l-obbligu ... li jsir uzu minnha specifikat ...". Specifikat minn min? Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-haga lill-agent u minn hadd izjed. Hija l-persuna li tikkonsenja l-haga u hadd hliefha li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispecifika lill-agent dwar kif ikollu jaghmel uzu mill-oggett ikkonsenjat lilu minnha. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan bihom jixtrilu dar, l-agent jikkommetti r-reat ta' approprjazzjoni indebita jekk minflok jaghtihom karita'.

Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan jixtrihom armi bi skop ta' serq, l-agent ikun approprja ruhu mill-flus indebitament jekk jaghtihom karita', apparti l-kwistjoni tal-moralita'. Jekk jixtrihom armi, allura l-agent ikun ghamel uzu mill-flus kif specifikat. F'kull kaz, fl-indagini dwar il-htija jew le ta' approprjazzjoni indebita, ghandha ssir prova ta' l-uzu tal-haga specifikata mill-konsenjatur u prova ta' jekk l-agent ikunx ghamel mill-haga dak l-uzu jew uzu divers.

65. Di piu', fil-kaz **Il-Pulizija vs. Anthony Mary Bajada** deċiża nhar l-1 ta' Marzu, 1952, il-Qorti tal-Appell Kriminali sostniet is-segwenti:

Id-delitt ta' appropjazzjoni indebita jigi kkonsmat malli dak li jkun jaghmel atti ta' dominju fuq il-haga bil-volonta' li jezercita d-dominju fuqha; u dan ikun pruvat meta c-cirkostanzi u l-atti jkunu verament tali li univokament juru l-intenzjoni ta' l-appropjazzjoni, billi fihom infushom mhumhiex kompatibbli mal-kawza u t-titolu tieghu tad-detenzjoni ta' dik il-haga.

66. Illi kif jispjega l-awtur Francesco Antolisei[18]:

La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio (Manuale di Diritto Penale, Giuffre Milano, 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p.276).

[18] Ara sentenza Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) Pulizija vs. Carmel Saliba supra ċitata

67. Fejn imbaghad si tratta tal-element ta' 'dolo' meħtieg għal kummissjoni ta' dan ir-reat, din il-Qorti tagħmel piena referenza għas-sentenza **Il-Pulizija vs. Dr. Siegfried Borg Cole** deċiża fit-23 ta' Diċembru 2003 fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali hawnhekk għamlet referenza għall-insenjament ta' Luigi Maino fuq il-kuncett ta' 'dolo':

> Finalmente, a costruire il delitto di appropriazione indebita e' necessario il-dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta', a scopo d'indebito profitto per se' o per un terzo, il dolo sara' costituito <u>dalla volontarieta', della conversione con scienza della sua illegittimita' e dal fine di lucro</u>; onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera in reato chi ne disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo … il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e' [come nel furto e nella truffa] l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita [e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza] il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perche' non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inútilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e' costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo.

68. Illi għalhekk, l-awtur tar-reat ta' appropjazzjoni indebita jrid ikollu l-intenzjoni speċifika li l-oġġett hekk fdat lilu u li jkun qiegħed fil-pussess tiegħu (għax gie hekk fdat) għal ghan specifiku, jiġi kkonvertit minnu daqslikieku huwa l-propjetarju tiegħu u jagħmel użu minnu jew jiddisponi minnu bi profitt għalih jew għall-ħaddiehor.

69. F'dan l-istadju din il-Qorti tagħmel ukoll referenza għall-ġurisprudenza li tiddistingwi bejn ir-reat ta' truffa u dak ta' appropjazzjoni indebita, fejn fil-kawża **Il-Pulizija vs. Abdoul Moumine Abdoulaye Maiga**, deċiża nhar l-14 ta' Diċembru 2017 intqal hekk:

Illi fil-fatt fid-decizjoni Il-Pulizija vs Edwin Petroni et iccitata superjorment mil-Ewwel Qorti hemm mghallem illi: "Ir-reat ta' approprjazzjoni indebita jiddistinwgi ruhu …. ukoll mit-truffa **ghax id-detentur tal-haga ma jigix ingannat permezz ta' raggiri jew artifizji biex jitlaq minn idejh dik il-haga favur l-agent."**[19] "L-element partikolari tar-reat ta' approprjazzjoni indebita mhuwiex l-uzu ta' l-ingann da parti ta' l-agent biex jottjeni l-oggett, izda l-inversjoni tat-titolu tal-pussess tal-haga li l-agent ikun ottjena minghand is-suggett passiv bil-libera volonta' ta' dan. Fl-approprjazzjoni indebita ma jezisti ebda element ta' frodi fis-sens li fl-approprjazzjoni indebita m'hemmx l-element ta' fiducja li essenzjalment jiffacilita tali reat." "Ir-reat ta' truffa jiddistingwi ruhu essenzjalment minn dak ta' approprjazzjoni indebita, in kwantu fl-ewwel ipotesi l-pussess tal-oggett li minnu jsir profitt indebitu jigi ottenut bhala rizultat ta' ngann adoperat mil-konsenjatarju, mentri fl-ipotesi l-ohra dak il-pussess ikun gie konsegwit mill-konsenjatarju legittimament, cjoe' minghajr ingann. Fit-truffa l-ligi riedet timpedixxi l-inganni ghat-trasferiment ta' oggett biex isir profitt indebitu minnu; fl-approprjazzjoni ndebita l-ligi riedet tevita li min ikollu legittimament haga ta' haddiehor ma jabbuzax mill-fiducja lilu moghtija u jiddisponi minnha bhala tieghu. Ghalkemm minhabba f'din id-distinzjoni, l-approprjazzjoni ndebita hija kunsidrata mill-ligi anqas gravi mit-truffa, iz-zewg reati ghandhom bhala karatteristika principali l-lezzjoni tad-dritt tal-proprjeta', jew dritt iehor reali, minghajr il-vjolazzjoni tal-pussess; u huma t-tnejn talvolta maghrufa fid-dottrina bhala "furto improprio."

70. Fi kliem ieħor, għalkemm it-truffa u l-appropjazzjoni indebita huma simili in kwantu jippenalizzaw dak il-komportament inġust tas-suġġett attiv tar-reat li jagħmel 'lucro' bi ħsara ta' ħaddieħor, teżisti distinzjoni importanti bejn it-tnejn. Dak li jiddistingwi reat minn ieħor huwa l-mod ta' kif l-aġent tar-reat ikun ġie fil-pussess tal-oġġett li permezz tiegħu ikun għamel gwadann qarrieqi. Fil-każ ta' truffa l-oġġett li minnu jsir gwadann qarrieqi jkun ġie a sua volta ottjenut mill-aġent tar-reat **<u>b'ingann</u>**. Mill-banda l-oħra fil-każ tal-appropjazzjoni indebita, l-aġent tar-reat, għad li xorta waħda jkun opera xi forma ta' qerq, ma jkunx ottjena b'ingann l-oġġett li minnu jkun għamel gwadann inġust.

71. Mistqarra dawn il-prinċipji, din il-Qorti tqis li mgħandha l-ebda dubju li dak li kkonvinċa lil Galea jgħaddi l-flejjes lill-appellant kienu s-serje ta' manuvri li adopera dan tal-aħħar sabiex iġiegħel jitwemmen li t-trasferiment tal-art in kwistjoni minn fuq AZZOPARDI għal fuqu kien sejjer isir. Hu stess fi kliemu jgħid li l-flejjes għaddihom lill-appellant minħabba li kien ħadu għand Nutar għal konvenju, kien ippreżentalu site plan u kuntratt u minħabba li kien ippreżentalu

[19] Enfasi ta' din il-Qorti

skrittura privata fejn saħansitra wehdu li l-art in kwistjoni kienet sejra ddur fuqu fi żmien xahrejn mid-data tal-iskrittura u sa intrabat li jekk dan ma jsirx, iħallas il-flejjes vversati minn Galea akkont tal-prezz finali, bl-imgħax. F'paġna 40 tax-xhieda tiegħu jgħid hekk dwar dan :-

> Qorti: Tixtrieha mingħajr karti, mingħajr konvenji, mingħajr pjanti, mingħajr minn fejn ġiet konvenjenza, hekk nixtruha biċċa art?
> Xhud: Jiena l-art kont naf fejn qiegħda, issa aħna meta nixtru biċċa art normalment titlob **site plan u affarijiet minn dawn, tmur fejn nutar.**[20]
> **Qorti: Biex tagħmel ir-riċerki.**
> **Xhud: Biex tagħmel ir-riċerki sewwa, issa aħna morna quddiem in-nutara Elaine Farrugia biex hi tibda tagħmel ir-riċerki. Issa peress li** l-konvenju ma setax isir, ma setgħetx tirreġistrah għax kien hemm xi affarijeit riedu jitranġaw...
> Qorti: Jiġifieri lanqas konvenju mgħandkhom biex niftehmu jekk qed tgħid ma setax...
> **Xhud: Konvenju għamilna privat biex aħna nkunu marbutin fuq dik l-art.**[21]

72. Din il-Qorti tifhem li peress li kien hemm diversi versamenti ta' flejjes minn Galea lill-appellant, allura f'dan il-każ setgħet ikkunsidrat l-ipoteżi li minħabba dawn l-episodji diversi – inkluż fejn allura kien hemm ħlasijiet ta' flus – allura r-reati ta' truffa u approprijazzjoni indebita setgħu kienu kumplimentari għal xulxin in kwantu jirreferu għall-episodji ta' ħlasijiet differenti. Iġifieri f'dan il-każ donnu jidher li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) qieset li l-fatti kienu jagħtu lok għaż-żewġt ipoteżi tar-reati b'mod allura li dawn setgħu jiġu kkunsidrati mhux kontestati b'mod alternattiv, iżda saħansitra b'mod kumplimentari.

73. Biss din il-Qorti tqis li l-fatti juru illi kieku ma kienx hemm dawn is-serje ta' "gideb" imsaħħa b'appart estern – sa mill-bidu nett - Galea ma kien qatt sejjer jgħaddi dawk il-flejjes lill-appellant. Għaldaqstant, l-oġġett li permezz tiegħu sar il-profitt indebitu ma għaddhiex leġittimament għand l-appellant. Apparti minn hekk irriżulta wkoll li l-fatt ġuridiku li jemerġi mill-provi relattivi għal dan il-każ tal-versamenti ta' flejjes mingħand Galea lil AZZOPARDI kienu jsegwu skema ta' ħsieb waħdieni u uniformi da parti tal-appellant. Ma jirriżultax li kien hemm xi episodji oħra fejn kien hemm versamenti ta' flejjes minn Galea lil AZZOPARDI lil hinn minn dan in-negozju fittizju tal-bejgħ tal-art in kwistjoni. L-anqas ma jirriżulta li

[20] Enfasi ta' din il-Qorti.
[21] Enfasi ta' din il-Qorti.

kien hemm xi negozju ieħor bejn il-partijiet jew xi raġunijiet oħra li minħabba fihom Galea għadda flejjes lil AZZOPARDI.

74. Il-flejjes mgħoddija minn Galea lil AZZOPARDI jirriżultaw li ġew mgħoddija in eżekuzzjoni tal-wegħda ta' AZZOPARDI li jbiegħ din il-porzjon art lil Galea sa mill-bidu nett, u l-kumplement tal-flejjes ġew versati minn Galea lil AZZOPARDI sabiex ikun jista' jitwettaq dan il-pjan – realizzabbli għal Galea kwantu fittizju għal AZZOPARDI.

75. Din il-Qorti għalhekk ma tistax taqbel mal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li l-fatti f'dan il-każ kienu jippuntaw kemm għar-reat ta' truffa kif ukoll għar-reat t'approprijazzjoni indebita. Din il-Qorti tqis li ladarba l-ħlasijiet minn Galea saru in eżekuzzjoni tal-idea tiegħu li jakkwista l-art de quo mingħand l-appellant – idea li tirriżulta li kienet mibnija fuq il-wegħda qarrieqa tal-appellant, allura dawk il-ħlasijiet kollha li saru wara kienu marbuta direttament ma din il-forma mentis ta' Galea biex b'hekk il-ħlasijiet kollha li saru minnu kienu kundizzjonati mill-fatt li huwa ġie ingannat mill-appellant u l-kunsens tiegħu għall-versamenti tal-flejjes de quo kien karpit b'dan l-ingann.

76. B'hekk din il-Qorti tqis li r-reat ta' truffa kontestat f'dan il-każ għandu jiġi ritenut bħala li huwa alternattiv għar-reat ta' l-approprijazzjoni indebita u mhux komplimentari għalih.[22]

77. Dan ifisser li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħetx legalment u raġonevolment issib ħtija fl-appellant anki għar-reat ta' appropjazzjoni indebita hekk kif ipotizzat fit-tielet imputazzjoni miġjuba kontrih u b'hekk fid-dawl tal-fatti kif żvolġew ruħhom f'dan il-każ, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), ġaladarba sabet il-ħtija fl-appellant għar-rigward tar-reat ta' truffa kellha tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet imputazzjoni.

[22] Ara wkoll, f'dan is-sens l-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Richard Micallef** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar il-31 ta' Jannar 2018. F'dan il-każ il-fatt lil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabet ħtija fiż-żewġ reati u li rriżultaw mill-fatti li huma alternattivi għall-xulxin, ma jwassalx għan-nullita tas-sentenza de quo in kwantu f'dan il-każ il-mod kif żvolġew il-fatti ma kienux, ictu oculi, juru biċ-ċar li l-prosekuzzjoni kienet qegħda taddebita dawn ir-reati, sa mill-bidu nett, bħala alternattivi għal xulxin fiċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu.

**Ikkunsidrat**

**Analiżi tal-provi miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u li fuqhom dik il-Qorti sabet lill-appellant ħati tar-raba' imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant.**

78. Din il-Qorti tibda billi tagħmel referenza għall-analiżi magħmula iktar il-fuq in kwantu jirrigwardaw l-elementi li jsawru r-reat ipotizzat f'din ir-raba' imputazzjoni. Ivan Vassallo wkoll isostni li ġie ffrodat is-somma ta' għaxart elef euro (€10,000) mill-appellant AZZOPARDI meta dawn għaddihomlu għax-xiri ta' kwadri mil-Italja iżda dawn il-kwadri qatt ma waslu u flusu qatt ma ħadhom lura.

79. Vassallo jixhed kif kien AZZOPARDI li proponielu dan in-negozju u li hu kien qabel li jgħaddilu somma ta' €10,000 sabiex dawn il-kwadri jinxtraw bi sħab, nofs bin-nofs. F'paġna 100 tax-xhieda tiegħu jgħid li AZZOPARDI lilu qallu s-segwenti:

> Xhud: Għaxart elef ewro. Qalli: ''Mela, issa mmur il-Ġimgħa, niġi l-Ħadd, kemm nikkonferma kollox.' It-Tnejn filgħodu ċempitlu, qalli: 'Hemm kollox sew, xtrajna kollox.' Bħal speċi issa nistennewhom jaslu Malta u mbagħad bdiet kull skuża taħt ix-xemx biex waslu sakemm fl-aħħar ammetta li l-inkwadri ma jeżistux u beda, bdejt ngħidlu: ''Ara kif ħa tħallasni''.

80. L-appellant mill-banda l-oħra jgħid li Vassallo kien talbu sabiex jitla' jġiblu sett kwadri mil-Italja. Jgħid li meta kien hemmhekk induna li kienu kopji u mhux oriġinali u li kien ċempel lil Vassallo biex jinfurmah dwar dan. In kontro-eżami mbagħad jgħid li l-kwadri qatt ma waslu għax Vassallo rrifjuta li jħallas il-kumplament tal-flus u bħala prova li huwa effettivament kien fi trattattiva mal-Galleria Ars Antiqua S.r.l. għax-xiri tal-imsemmija pitturi u li kien ħallas il-flus mgħoddija lilu minn Vassallo, huwa ppreżenta **<u>sett ta' irċevuti mmarkati bħala Dok. GA2 (fol. 186-187) u ittra mibgħuta mill-avukati tal-Galleria Ars Antiqua S.r.l. esebita bħala Dok. GA4 (fol. 192).</u>**

81. Iżda, fi kliem Vassallo, mhux minnu li kien ċempillu l-appellant minn Milan biex jinfurmah li l-kwadri li kien ftiehem li kellu jniżżel Malta ma kienux ta' kwalita tajba. F'paġna 204 tax-xhieda tiegħu jikkontradixxi l-verżjoni tal-appellant:

Dr. Noel Bianco: Sur Maġistrat, ħa niċċara xi ħaġa, li qed ngħid illi meta s-Sur Vassallo mar jixtri, sabhom mhux oriġinali, ġab oħrajn flok dawk li kienu se jġibu.
Xhud: **Le, mhux hekk, skużi ta! Mhux hekk, mhux hekk l-affarijiet. Aħna ftehmna li ħa nixtru kwadri, preżentajthom bir-ritratti b'kollox il-Qorti. Meta wara xi sena u nofs dam jidħaq bija 'il-kwadri mhux se jaslu, mhux se jaslu, mhux se jaslu'**[23], tani xi ħaġa tiegħu personali li kellu d-dar biex jiena jkolli xi ħaġa ta' valur f'idejja**.**

82. Imbagħad, f'paġna 206 waqt kontro-eżami, Ivan Vassallo jerġa' jirribadixxi l-istess verżjoni bi kliem iktar b'saħħtu hekk kif anki jsostni li l-invoices li kien preżentalu l-appellant ma kienu xejn għajr stimi li kien urieh qabel meta kien qallu liema kwadri kienu sejrin jixtru : -

Dr. Noel Bianco: Mela qed insaqsik jiena, mela meta hu mar barra u sab illi mhumhiex oriġinali u kien ċempillek dwarhom.
Xhud: Le, mhux hekk. La mar barra u ma ma mar xejn. L-inkwadri qatt ma kienu għall-bejgħ.
Dr. Noel Bianco: Jiġifieri l-invoices hawn preżentati inti qed tgħid li mhux minnhom lanqas.
Xhud: Dawk mhux invoices; dawk l-istami li urieni li qalli ħa nixtru dawn il-kwadri.

83. Din il-Qorti mill-ewwel tirrileva li b'differenza tal-inċident li jirrigwarda lil Carmelo Galea, fejn terzi persuni, u ċjoe l-eredi ta' Francesco Fenech, saħħew il-verżjoni ta' parti waħda u mhux ta' l-oħra, hawnhekk din il-Qorti hija rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet kunfliġġenti. Kemm hu minnu li kif qiegħed jgħid Vassallo, l-€10,000 ġew meħuda minn AZZOPARDI b'ingann għaliex dan tal-aħħar qatt ma kellu l-intenzjoni li effettivament dawn il-kwadri jinxtraw? Din il-Qorti tistaqsi kemm jista' jingħad li ġie ppruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li AZZOPARDI aġixxa b'ingann u wera ħaġa b'oħra lil Vassallo meta wrieh dawk is-sett ta' ritratti bħala l-pitturi li kien ftiehem li jniżżel mill-Italja liema negozju qatt ma ġie konkluż?

84. Din il-Qorti tagħmel referenza għal Dok GA2 u tirrileva li b'kuntrast mas-sitwazzjoni fejn il-werrieta ta' Francesco Fenech xehedu kif qatt ma kien hemm lanqas xi forma ta' trattattiva fuq il-bejgħ tal-imsemmija art, iż-żewġ 'conferme di ordine d'acquisto' **juru li kuntatt kien hemm ma' ARS Antiqua min-naħa ta' AZZOPARDI**. Di piu', din il-Qorti tosserva kif uħud mill-pitturi msemmija fil-'conferma di ordine d'acquisto' huma **l-istess** bħal dawk li AZZOPARDI kien wera lil Vassallo meta dawn laħqu l-ftehim

[23] Enfasi ta' din il-Qorti.

in kwistjoni. Fil-fatt jirriżulta wkoll, almenu sal-grad tal-probabbli li żewġ pitturi li Ivan Vassallo jikkonferma li kienu suġġett għall-ordni mill-appellant, u ċjoe dawk li huma indikati fid-dokumenti eżebiti minn Vassallo stess a fol 108 u 109 – iġifieri l-kwadru "Madonna del Divino Amore" (100x76) u l-"Baccanale" (110x88) jirriżultaw li huma mniżlin fil-kopja tal-conferma di ordine d'acquisto a fol 186 u fejn jirriżulta li l-prezz totalli tagħhom kien ta' disat elef u ħames mitt euro (€9500) fejn dawn il-kwadri kellhom jiġu esportati. Issa għalkemm din hija fotokopja tad-dokument oriġinali, jirriżulta pero, minn ittra Dok GA 4 li ġiet preżentata mill-appellant li hija intimazzjoni mill-avukata Francesca Panno a nom tal-Galleria Ars Antiqua S.r.l. lill-appellant sabiex iħallas l-ammonti miftehma fuq dik l-ordine d'acquisto.

85. Għaldaqstant, **il-proċess sabiex jinxtraw dawn il-kwadri effettivament kien beda** da parte ta' AZZOPARDI jirriżulta. Il-konferma tal-ordni għal dawk il-kwadri jirriżulta li kienet saret fit-18 t'April 2015, mentri Ivan Vassallo jgħid li huwa kien ħallas permezz ta' cheque lill-appellant nhar l-10 t'April 2015. u għalhekk ma jistax jingħad b'sikurezza li meta ppreżenta lil Vassallo b'sett ta' ritratti (Dok GA 1) huwa kien qiegħed jadopera xi skema truffaldina. Lanqas ma jista' jingħad **b'sikurezza** allura li Dok. GA2, u ċjoe il-'conferme di ordine d'acquisto' servew ta' messa in scena sabiex isaħħaħ il-"gidba" tiegħu li tassew kien akkwista dawn il-kwadri għaliex tassew kien hemm ftehim ma' ARS Antiqua S.r.l. għal tali skop.

86. Verament li għal xi raġuni, n-negozju bejn l-appellant u ARS Antiqua S.r.l. jirriżulta li wkoll intlaqat minn xi forma ta' kontenzjuż in kwantu jirriżulta li kien hemm kwistjoni bejn l-appellant u ARS Antiqua S.r.l. fejn din kienet qed ittenni li l-appellant ma onorax l-obbligu kuntrattwali magħha. Ma jirriżultax l-anqas li l-appellant għaddha l-kwadri de quo lil Vassallo hekk kif kien pattwit. Jirriżulta wkoll li l-appellant ma għaddhiex lura l-flejjes riċevuti minnu lil Vassallo. Iżda dan kollu ma jissarrafx fi prova **lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni** li ġie anke hawn kommess ir-reat ta' truffa skont l-Artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali jew ir-reat ta' frodi innominata skont l-Artikolu 309 tal-imsemmi Kodiċi.

87. Għalhekk, din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħetx legalment u raġonevolment issib ħtija fl-appellant għar-raba' imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu.

**Ikkunsidrat**

**Analiżi tal-provi miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u li fuqhom dik il-Qorti sabet lill-appellant ħati tas-sitt imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant.**

88. Mhux ikkontestat li kien hemm ftehim bejn il-partijiet u li Vassallo għadda s-somma ta' għaxart elef euro lil AZZOPARDI sabiex jinxtraw il-pitturi li kienu fthemu dwarhom qabel. Biss, kif intqal aktar il-fuq, ma ġiex pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li AZZOPARDI ħa dawn il-flejjes mingħand Vassallo b'ingann. Jirriżulta li Vassallo volontarjament għadda dawn l-għaxart elef euro lill-appellant għall-iskop li jinxtraw il-pitturi li kienu qablu fuqhom. Jirriżulta li wara li Vassallo għadda ċ-ċekk lill-appellant fl-10 t'April 2015 l-appellant għamel l-ordni għal żewġ pitturi li kienu jidhru li qablu dwarhom ma ARS Antiqua S.r.l. Iżda, għal xi raġuni jidher li dawn il-pitturi qatt ma għaddew f'idejn Vassallo hekk kif kien miftiehem.

89. Mill-banda l-oħra, ġie wkoll pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li dawn il-flejjes ma ġewx rifondati lil Vassallo minn AZZOPARDI. F'dan ir-rigward f'paġna 100 tax-xhieda tiegħu Vassallo jgħid hekk :-

> Xhud: .../..Qalli: ''Isma, qed nagħmel statwi ta' xogħol ta' statwi għall-kunsill lokali li kien vera għax kont iċċekjajt u vera kien għamel xi statwi u qalli: **''Kif iħallsuni nissetilja miegħek' u dejjem intawlu, intawlu, intawlu'.**[24]

90. Jibqa' l-fatt li ġie soddisfaċentement ippruvat, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, li l-għaxart elef euro għaddew mingħand Vassallo lill-appellant; u ġie soddisfaċentement ippruvat ukoll li l-kwadri li kienu miftehmin dwarhom ma ġewx konsenjati lill-Vassallo u l-anqas ma Vassallo irċieva lura l-flus li kien ħallas lill-appellant. Għalkemm żgur li l-appellant irċieva dawn il-flejjes, mhux ċar eżattament x'għamel l-appellant b'dawn il-flus - għalkemm jirriżulta wkoll mhux ikkontestat li ma ntlaħaqx l-iskop ta' għalfejn dawn il-flejjes għaddew għand AZZOPARDI – tant li anke s-soċjeta ARS Antiqua S.r.l. jirriżulta li rreklamat li titħallas l-ammont miftiehem mal-appellant skont kif jirriżulta mill-conferma di ordine d'acquisto eżebiti mill-appellant.

[24] Enfasi ta' din il-Qorti.

91. L-appellant għalhekk jirriżulta li huwa rċieva l-għaxart elef euro, żamm dawn l-għaxart elef euro, ma jirriżultax li huwa uża dawn l-għaxart elef euro għall-iskop li lilu kienu ġew konsenjati, u naqas milli jroddhom lura lil Vassallo. Jirriżulta wkoll li l-appellant ma ħallasx lil ARS Antiqua S.r.l. tant li din kitbitlu permezz tal-avukat tagħha Panno biex iħallashom skont kif kienu miftehma. B'hekk il-flus għamel użu minnhom divers minn dak li kien pattwit ma' Vassallo. AZZOPARDI ma kellux flus biżżejjed biex iroddhom lura lil Vassallo meta Vassallo talbu biex iroddhomlu lura. Dan ifisser li AZZOPARDI għalhekk kien b'xi mod nefaq dawn il-flus u ma kienx f'qagħda li, ladarba n-negozju ma ARS Antiqua S.r.l. sfaxxa jirritornahom lura lil Vassallo. Tant hu minnu dan li jirriżulta mix-xiehda ta' Vassallo li l-appellant ipprova li jpaċi dawn l-għaxart elef euro, jew almenu parti minnhom, bi kwadri jew oġġetti oħra, li pero, skont Vassallo, ma kienux joqorbu lejn l-ammont ta' għaxart elef euro dovuti lura lilu.

92. Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Vincent Farrugia** intqal li :

> Il-konkluzjoni li ghalhekk trid necessarjament tasal ghaliha din il-Qorti hi certament li ma jistghax jinghad dak li qed jissottometti l-appellant. Il-konkluzjoni hi li effettivament l-ammont fil-meritu kien dovut mill-appellant. Il-konkluzjoni hi li effettivament l-ammont fil-meritu kien dovut mill-appellant u qatt ma kien gustifikat li jzommu u ma jibghatux lid-dipartiment tal-VAT bhala parti minn dik it-taxxa dovuta ghall-perijodu fuq imsemmi. Ghalhekk bil-fatt li b'dan l-eghmil tieghu l- appellant zamm ghalih dak li kien legalment tal-Gvern, hu gie li uza dawk l-istess flus ghal skop iehor u mhux dak li kien intiz li jintuzaw. F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk jiffigura perfettament ir-reat ta' l-approprijazzjoni indebita ai termini ta' l-Artikolu 293 tal-Kodici Kriminali, u ghalhekk din il-Qorti mhiex ser tvarja dak li ddecidiet l-ewwel Qorti.

93. Bid-dovut rispett lejn l-appellant, din il-Qorti ma tistax tqis dan l-aġir bħala sempliċi negozju li jmur ħażin, jew kwistjoni sempliċiment ta' natura ċivili bejn żewġ negozjanti. AZZOPARDI kien jaf li kien irċieva flejjes mingħand Vassallo li kellhom jiġu adoperati għal skopijiet speċifiċi, liema skopijiet ma ntlaħqux; u ladarba ma ntlaħqux mhux talli l-flejjes ġew ritornati lura immedjatament talli l-appellant baqa' ma rritornax lura dawn il-flejjes lil Vassallo u minflok għaddielu xi xogħolijiet oħra, mhux relatati mal-ftehim oriġinali li kellhom, u pretenda li dawn ikollhom il-valur attribwit minnu. Din l-azzjoni da parte ta' AZZOPARDI, minbarra l-vertenza ċivili inerenti fiha, xejn ma xxejjen l-element intenzjonali tal-appellant li jdawwar fi profitt għalih somma flus li kien jaf li kienet tappartjeni

lill-ħaddieħor. L-appellant ma setgħa qatt jibqa' jżomm dawn il-flejjes li kien jaf li ma humiex tiegħu. Lanqas ma jidher li sar xi sforz partikolari da parte tiegħu li jestingwi dan id-debitu ma' Vassallo matul il-proċeduri pendenti l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew quddiem din il-Qorti u dan minkejja li Vassallo xehed ukoll li l-appellant kien wehdu li kellu jagħmel tajjeb għall-pendenzi li kellu miegħu.

94. Jirriżulta wkoll li n-negozju ta' bejn l-appellant u Vassallo kellu bħala bażi tiegħu relazzjoni professjonali fil-qasam tal-arti. Dan jirriżulta anki minn kliem l-appellant stess fejn f'paġna 159 tax-xhieda tiegħu jgħid hekk : -

> Xhud: Imma skont l-expertise tiegħi, hu riedhom il-kwadri. Jiena skont l-expertise tiegħi.

95. Anki l-ftehim li sar bejn l-appellant u bejn Vassallo kien fis-sens illi kellu jitla' AZZOPARDI sabiex iġib il-kwadri għaliex Vassallo kien jaf li dan tal-aħħar kien tal-mestjier u kien fi-negozja tal-iskulturi u tal-arti bħalu. Għalhekk kien qiegħed jafda flusu f'AZZOPARDI minħabba l-professjoni ta' dan tal-aħħar.[25]

96. Għaldaqstant, din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet kemm legalment kif ukoll raġonevolment issib ħtija fl-appellant għar-reat ta' appropjazzjoni indebita fit-termini tal-artikolu 293 tal-Kodiċi Kriminali b'dana illi din il-Qorti, kuntrarjament għall-Qorti tal-Maġistrati (Malta), tqis li jirriżulta wkoll ippruvat l-aggravju kkontemplat fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 294 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Iżda din il-Qorti fid-dawl tal-fatt li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma sabetx lill-appellant ħati fis-sens tal-artikolu 294 tal-Kodiċi Kriminali u ladarba ma sarx appell mill-Avukat Ġenerali f'dan is-sens, ma tistax issa tqis l-approprjazzjoni indebita f'dan il-każ bħala li kienet kwalifikata in kwantu dan ikun ifisser aggravament tal-posizzjoni tal-appellant li, fuq appell biss tal-appellant, mhux legalment permissibbli.

---

[25] F'dan il-każ il-fatt lil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabet ħtija fiż-żewġ reati u li rriżultaw mill-fatti li huma alternattivi għall-xulxin, ma jwassalx għan-nullita tas-sentenza de quo in kwantu f'dan il-każ il-mod kif żvolġew il-fatti ma kienux, ictu oculi, juru biċ-ċar li l-prosekuzzjoni kienet qegħda taddebita dawn ir-reati, sa mill-bidu nett, bħala alternattivi għal xulxin fiċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu, iżda segħet kienet qegħda tipprospetta li dawn ikunu ġew addebitati b'mod kumplimentari għal xulxin.

## Ikkunsidrat

## Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena

97. In kwantu għall-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati, huwa prinċipju ormai stabbilt li f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita' li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005 :

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):
>
> "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."[2]
>
> This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

98. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell **Kandemir** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli :

a. għall-offiża in kwistjoni u
b. għaċ-ċirkostanzi tal-ħati

u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti :

> 8. Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

99. Il-ġurisprudenza prevalenti f’dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F’dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta’ reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f’qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza **Butler** tqis anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta’ l-ewwel qorti.

100. Din il-Qorti, minkejja li sejra tvarja partijiet mis-sentenza appellata fejn instabet ħtija fl-appellant, tqis li l-piena li ġiet inflitta kienet diġa waħda miti u ma tqisx li għandha tinbidel. Apparti minn hekk ma jirriżultax li l-appellant għamel xi azzjoni konkreta sabiex biha jirriżarċixxi lill-partijiet ċivile f’dan il-każ.

# Deċide

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tilqa’ l-appell ta’ Giuseppe AZZOPARDI in parti u tirriforma s-sentenza appellata billi:

a) Tikkonfermaha f’dik il-parti tagħha fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel imputazzjoni u fejn ikkunsidrat it-tieni imputazzjoni bħala alternattiva għall-ewwel imputazzjoni;
b) Tikkonfermaha f’dik il-parti tagħha fejn sabet lill-appellant ħati tas-sitt imputazzjoni;
c) Tħassarha f’dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati tat-tielet imputazzjoni u tilliberah minn kull ħtija dwarha;
d) Tħassarha f’dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati tar-raba’ imputazzjoni u tilliberah minn kull ħtija dwarha;
e) Tikkonfermaha fil-bqija tagħha.

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**